# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XVIII**
**Illum, it-Tlieta, 13 ta' Frar, 2001**

**Appell Nru 270/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jesmond Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jesmond Farrugia talli fit-23 ta' Settembru, 2000, ghall-habta tal-5.00 pm, waqt li kien idur ghal kacca fl-inhawi ta' taht Is-Salib tal-Gholja, Siggiewi, (**1**) kellu fil-pussess tieghu senter tal-marka Luigi Franchi, numru tas-serje 146640, ikkargat bi tlett iskratacc u (**2**) spara u qatel ghasfur li mhux inkluz fl-iSkeda I, II jew III (seqer) tal-A.L. 146/93 bi ksur ta' l-istess regolamenti; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska tal-oggetti ezibiti kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzi tal-kacca ghal mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Novembru, 2000, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Jesmond Farrugia hati skond it-tieni mputazzjoni, ikkundannatu multa ta' hames mitt lira (Lm500), ordnat il-konfiska tas-senter Luigi Franchi nru. tas-serje 146640, kif ukoll issospendiet lill-istess Farrugia milli jkollu jew jikseb kull licenzja ghall-kacca ghall-periodu ta' tlett snin; dik il-qorti, izda, lliberatu mill-ewwel imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Jesmond Farrugia, minnu ppresentat fis-7 ta' Dicembru, 2000, li permezz tieghu huwa talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2001; ikkunsidrat:

Fl-udjenza msemmija, cioe` tad-9 ta' Frar, 2001, l-Avukat Generali eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell peress li dana ma fihx it-talba kif mehtiega skond l-Artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali, u dan peress li t-talba

hija ghar-revoka ta' l-imsemmija sentenza mentri kelli tkun ghar-riforma (jew tibdil) tas-sentenza stante li l-appellant gie lliberat minn wahda mill-imputazzjonijiet.

Dwar din il-pregudizzjali l-Avukat Generali ghandu ragun. Effettivament hemm zewg imputazzjonijiet: wahda (l-ewwel imputazzjoni) li tipotizza r-reat kontemplat fir-regolament 9(5) tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg (Avviz Legali 146 ta' l-1993); u t-tieni mputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fir-regolament 9(1)(b) tal-imsemmija regolamenti. Minn qari akkurat tas-sentenza appellata ma hemmx dubbju li l-ewwel qorti sabet lill-appellant (allura imputat) hati biss skond it-tieni imputazzjoni. In fatti, dwar l-ewwel imputazzjoni l-ewwel qorti qalet hekk fis-sentenza taghha: "Fir-rigward ghall-akkuza b'kemm kien ikkargat is-senter l-ebda prova ma ngabet". U, dejjem fl-istess sentenza, wara li l-ewwel qorti semmiet il-fatti li taghhom l-appellant kien qed jigi misjub hati, tat il-piena u kkwotat id-disposizzjonijiet tal-ligi li jikkontemplaw ir-reat (ir-regolamenti 9(1)(b) u 25), kompliet hekk: "Tilliberah mill-bqija tal-akkuzi". It-talba fir-rikors ta' appell kellha, ghalhekk, tkun ghat-tibdil jew riforma tas-sentenza appellata u mhux ghat-tahsir jew ghar-revoka taghha. Kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, meta t-talba ghandha manifestament tkun talba ghar-riforma, mentri tigi mitluba r-revoka, ir-rikors ta' appell hu null fuq il-bazi ta' karenza tar-rekwizit imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 419 tal-Kap. 9 (ara, fost diversi sentenzi f'dan is-sens, ***Il-Pulizija v. Joe Borg***, App. Krim. 21/7/95; ***Il-Pulizija v. Carmelo Pace***, App. Krim. 13/5/99; ***Il-Pulizija v. Lawrence Gatt***, App. Krim. 6/1/2000). Tali nullita` hi sollevabbli *ex officio* mill-Qorti.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali, tiddikjara l-appell irritu u null, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur